**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Subbasta Nru **822/2023 (AD)**

Fl-atti tas-Subbasta Numru 50/2022 fl-ismijiet:

**MARY RITA MIFSUD (K.I. 291459M)**

**vs**

**MICHAEL MIFSUD (K.I. 737249M)**

**Seduta tal-Ħamis, tlieta (3) ta' Awwissu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Michael Mifsud datat 20 ta' Lulju, 2023 ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn talab lill-Qorti tordna li l-att eżekuttiv ossia r-rikors għall-qbid ta' ħwejjeġ immobbli u bejgħ fl-irkant tal-31 ta' Awwissu, 2022 jiġi mħassar fi sħiħ jew in parti għar-raġunijiet indikati fl-istess rikors.

Rat ir-risposta tal-kreditrici eżekutanti Mary Rita Mifsud tat-2 ta' Awwissu, 2023 fejn ġie sottomess li t-talba tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda stante li dan huwa biss l-emneżimu tentattiv da parti tar-rikorrent sabiex iwaqqaf l-eżekuzzjoni tas-sentenza ta' seperazzjoni ta' bejn il-partijiet.

Rat in-nota tal-kreditriċi eżekutanti tat-2 ta' Awwissu, 2023 fejn sabiex is-subbasta tkun tista' tipproċedi mingħajr xkiel, u mhux għaliex kienet qed tirrikonoxxi li l-ammonti mhux dovuti, irrinunzjat għas-segwenti ammonti:

| | |
|---|---|
| Michael Attard | €6,283.37 |
| Leli's Ba (Arms Bill) | €4,357.88 |

Rat in-nota tat-3 ta' Awwissu, 2023 fejn il-kreditriċi eżekutanti rrinunzjat għall-ammont ulterjuri ta' € 3,156 riferibbli għall-Maltacom plc ghall-istess ragunijiet indikati fil-paragrafu precedenti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tat-3 ta' Awwissu, 2023.

Ikkunsidrat:

Illi l-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi li:

> *(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

Dwar din id-dispożizzjoni fil-liġi, ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fil-provvediment mogħti fl-ismijiet ***A.A.S.K. Enterprises Limited vs MORE Supermarkets (Fgura) Limited***[1]:

[1] Rik Nru 28/2015 fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Nru 23/2015, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Zammit McKeon, 12 ta' Frar 2015 (in ġudikat)

> *Ir-rimedju li jaghti l-Art 281 tal-Kap 12 huwa specjali. Il-pregudizzju li parti interessata tallega li ggarrab jrid jirrizulta minn eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. L-istharrig li l-Qorti trid taghmel mhuwiex fil-mertu, kif ghamlet ir-rikorrenti fl-impostazzjoni taghha mill-bidu sal-ahhar. Li trid tara l-Qorti huwa jekk ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunux gew osservati jew jekk il-Mandat jkunx inħareġ b'mod abbużiv. Mandat jista` biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma.* [...] *Jekk ir-rikorrenti tassew jidhrilha li ghandha jedd tattakka l-esekuzzjoni tal-Mandat, din tal-lum mhijiex il-procedura li kellha tittenta.* [...] *Jekk ir-rikorrenti tahseb li ghandha ragunijiet bizzejjed sabiex tattakka l-ezekuzzjoni tal-Mandat, ir-rimedju taghha mhuwiex il-procediment specjali skond l-Art 281 tal-Kap 12 izda l-procedura ordinarja bil-prezentata ta` rikors guramentat fejn taghmel il-kaz taghha u ggib ir-ragunijiet kollha li ghamlet fil-procediment tal-lum – u li kienu opposti fil-mertu taghhom mill-intimata. Din il-Qorti ssegwi dik il-gurisprudenza li tindirizza lanjanza kontra l-esekuzzjoni ta` Mandat mhux fil-kuntest ta` l-Art 281 tal-Kap 12, izda fl-ambitu ta` l-presentata ta` rikors guramentat fi procediment ordinarju.*

Illi wara li ezaminat l-atti u semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet din il-Qorti jidrilha li r-rekwiziti kollha mitluba mill-ligi ghall-hrug ta' mandat kollha gew osservati u l-istess mandat ma nharigx b'mod abuziv u l-anqas ghandu xi difett fil-forma.

Illi wara li ħadet konjizzjoni tan-noti ta' riduzzjoni li saret referenza għalihom aktar 'l fuq jirriżulta li l-ammonti li għadhom dovuti lill-kreditriċi eżekutanti skont in-nota ġuramentata tagħha tal-14 ta' Ġunju, 2023 huma dawk ta' €75,801 dovut bħala manteniment mis-sena 2013 sal-2023 u emerġenti mis-sentenza tat-8 ta' Ottubru, 2019 kif ukoll l-ammont ta' €12,216,43 dovuti bħala spejjeż ġudizzjarji skont it-taxxi mmarkati bħala Dok MRM 4 u 5 annessi mal-istess nota.

Ir-rikorrent Michael Mifsud ma ġab l-ebda prova li dawn l-ammonti ġew imħallsa u din il-Qorti għalhekk jidrilha li ma tirriżulta ebda raġuni skont il-liġi sabiex dawn l-ammonti ma jkunux inklużi fl-att eżekuttiv in diżamina.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi wara li ħadet konjizzjopni tan-noti ta' riduzzjoni tal-kreditriċi eżekutanti tat-2 u tat-3 ta' Awwissu 2023, tilqa' t-talba tar-rikorrent Michael Mifsud limitatament billi tvarja l-att eżekuttiv billi tirriduċi l-ammont dovut għal dak ta' €88,017.43 u tordna li l-proċeduri għall-bejgħ bis-subbasta jipproċedu għal dan l-ammont.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent Michael Mifsud.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr Audrey Demicoli**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**